15 ta' Novembru, 1946.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

Nicola Bonnici *versus* Giulia Spiteri

**Appell — Malleverija — Difett fl-Indikazzjoni tal-Pleġġ — Art. 247, 897, u 142 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

***Fil-każ ta' pleġġerija li ssir għall-ispejjeż ta' appell għandu jiġi indikat l-isem u l-kunjom tal-pleġġ, il-professjoni jew sengħa jew stat ieħor tiegħu, u l-lok fejn joqgħod. Jekk dawn l-elementi ma jiġux kollha miġjuba, dak il-pleġġ ma għandux jiġi aċċettat; imma jekk ir-reġistratur, irregolarment, jaċċettah, il-malleverija ma tkunx ineżistenti jew nulla; imma tista' tiġi sanata; u l-Qorti għandha tordna lill-appellant li fi żmien [illegible] jippreżenta nota li fiha jirrimedja għal dak in-nuqqas billi jindika l-partikularitajiet meħtieġa mill-liġi u li ma ngiebux regolarment mal-petizzjoni.***

Il-Qorti, — Rat l-eċċezzjoni mogħtija mill-appellata tan-nullità tal-malleverija miġjuba peress li ma hemmx fiha indikat is-sengħa tal-garanti miġjub skond dak li jgħid l-art. 897 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili ;

*Omissis;*

Tikkunsidra ;

Illi l-art. 247 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jgħid li ebda petizzjoni ta' appell ma tiġi riċevuta li ma tkunx preżentata flimkien ma' garanzija għall-ispejjeż tal-kawża ; u l-artikolu 897 ta' l-istess liġi jgħid ukoll illi fil-każ ta' pleġġerija għandu jkun hemm l-isem u l-kunjom tal-pleġġ, il-professjoni, is-sengħa jew stat ieħor tiegħu, u l-lok fejn joqgħod. Dawn ir-rekwiżiti huma meħtieġa biex il-garanti jkun identifikat u għalhekk il-kontroparti tkun tista' taf min huwa għall-fini ta' l-aċċettazzjoni jew le tiegħu. Fil-każ illi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti jkun nieqes, il-kors normali huwa illi uffi-

ċjal responsabbli fir-Reġistru li jirċievi dik il-malleverija, ma għandux jirċeviha, preċiżament għaliex tkun nieqsa minn dak l-element; iżda ladarba, irregolarment, dak l-uffiċjal irċeviha, tiġi l-kwistjoni subordinata jekk dik il-malleverija hix eżistenti inkella le. *Dak li l-liġi trid li jkun hemm mal-*petizzjoni hija l-malleverija, u għalhekk ladarba l-uffiċjal irċeviha, sija pure irregolarment, dik il-malleverija qiegħda hemm; u jekk hemm in-nuqqas minn xi rekwiżit għall-identifikazzjoni tal-pleġġ, allura b'argument ta' analoġija għandu jkun applikat dak li jgħid l-artikolu 142 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, fejn il-leġislatur, wisq lodevolment, iddispona illi għalkemm fil-petizzjoni jkun hemm xi nuqqas minn dak li tiddisponi l-liġi għall-formazzjoni tagħha u fit-talbiet magħmula, *iżda n-nuqqas ta' dak li huwa meħtieġ ma jagħ*mlix nulla l-petizzjoni; iżda f'każ bħal dan il-Qorti għandha tordna lill-appellant biex fi żmien jumejn jippreżenta nota li jkun fiha l-partikularitajiet meħtieġa mill-liġi u li ma jkunux inġiebu regolarment fil-petizzjoni. Infatti din hija dovuta għall-emenda introdotta bl-Ordinanza XV ta' l-1913, għaliex il-leġislatur, konformement għall-ispirtu modern tal-leġislazzjonijiet, ra illi l-forma ma għandhiex ikollha prevalenza fuq il-ġustizzja, meta difett fil-forma jkun rimedjabili; u għalhekk *ikun kontra l-ispirtu ta' din il-leġislazzjoni kieku* tiġi aċċettata n-nullità f'dan il-każ, speċjalment għaliex hemm nuqqas tal-menzjoni tas-sengħa jew l-okkupazzjoni tal-garanti;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità tal-malleverija, mingħajr taxxa ta' l-ispejjeż; iżda tordna illi l-appellant fi żmien jumejn għandu jiddikjara b'nota firmata mill-istess garanti quddiem ir-Reġistratur liema hija s-sengħa jew l-okkupazzjoni tiegħu; l-ispejjeż ta' din l-aħħar dikjarazzjoni u tan-nota għandhom ikunu definitivament kontra l-appellant.